# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 546/2016**

**Apell Numru: 563/2016**

Il-Pulizija

vs

**Charlon Coliero**

detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 243787(M).

Illum, 7 ta' Marzu, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant / l-appellat Charlon Coleiro quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fl-24 ta’ Marzu, 2016, għal ħabta tas-13.55hrs u fil-ġimgħat ta qabel, ġewwa, Vjal Millabrae, Mosta:

B’diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, kiser l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed imsejjaħ reat kontinwat:

1. Għamel, ordna jew ġiegħel li jsir tibdil fil-body, inkluz kemm jistgħu jitgħabbew passiġieri bil-qegħda jew l-arranġamenti tas-sedili tal-passiġieri, jew xi tibdil mekkaniku fix-chassis jew fil-magna ta’ xi vettura bil-mutur mingħajr l-approvazzjoni miktuba ta l-Awtorita’ (L.S. 65.11 Artilu 91 (1)(a));

2. Bil-ħsieb li jevadi t-taxxa ta’ reġistrazzjoni dovut jew li tista ssir dovuta, naqas milli jagħti xi avviż minn dawk li jista’ jinħtieġ li jagħti skont l-artikolu 4 jew 10(1) tal-Kapitolu 368 jew ta avviż bħal dak jew fi stqarrija li jagħmel lill-Awtorita ghall-għanijiet ta’ dan l-Att, tagħrif li jkun jaf li ma kienx korrett jew sħiħ f’xi dettall materjali (Kapitolu 368 Artikolu 21(1)(a)(b));

3. Mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorita’, żied in-numru tas-sedili fil-vettura, biddel jew wettaq xi tibdil fil-vettura li ma kienux imnizzla fiċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni (Kapitolu 368 Artikolu 21(1)(g));

4. Bil-ħsieb li jevadi t-taxxa ta’ reġistrazzjoni dovut jew li tista ssir dovuta, naqas milli jagħti xi avviż minn dawk li jista’ jinħtieġ li jagħti skont l-artikolu 4 jew 10(1) tal-Kapitolu 368 jew ta avviż bħal dak jew fi stqarrija li jagħmel lill-Awtorita’ għall-għanijiet ta’ dan l-Att, tagħrif li jkun jaf li ma kienx korrett jew sħiħ f’xi dettall materjali (Kapitolu 368 Artikolu 21(1)(o));

5. Saq, ġiegħel jew ħalla l-imsemmija vettura u naqas li jinforma lill-Awtorita’ għat-Trasport f’Malta dwar it-tibdil fil-kulur tal-vettura, kif ukoll naqas li jippreżenta lill-Awtorita’ ċ-Ċertikikat ta’ Reġistrazzjoni biex isir it-tibdil meħtieġ fih (L.S. 368.02 Artikolu 9);

6. Bħala sid tal-vettura bil-mutur, wettaq jew ippermetta lil xi persuna oħra twettaq xi addizzjoni, modifika jew addattament fir-rigward tal-vettura mingħajr awtorizzazzjoni bil-miktub mill-Awtorita’ (Kap 368 Artikolu 10(1));

7. Bħala persuna għamel, jew naqas milli jagħmel jew ippermetta li jsir jew li naqas milli jsir xi ħaġa jew xi att bil-ħsieb li jevadi jew jipposponi l-ħlas tat-taxxa ta’ Reġistrazzjoni kontra l-liġi (Kap 368 Artikolu 21(1)(d).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta’ Novembru, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi, sabet lil Charlon Coleiro ħati tat-tieni (2), tar-raba’ (4) u tas-sebgħa (7) imputazzjoni, filwaqt li lliberatu mil-ewwel (1), tielet (3), ħames (5) u sitt (6) imputazzjoni u kkundannatu għal hlas ta' multa komplessiva ta’ €12,509.94.

Rat ir-rikors tal-appellant Charlon Coliero pprezentat fil-25 ta’ Novembru, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-Appell u tirriforma s-sentenza appellata billi:

(a) thassarha fejn din sabet l-imputat hati ossija tat-tieni (2), ir-raba' (4) u s-seba' (7) akkuza; u

(b) tikkonfermha fejn din ma sabitx il-htija ta' l-imputat ossija fl-ewwel (1), it-tielet (3), il-hames (5) u s-sitt (6) akkuza u ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-konfiska tal-vettura u iddikjarah mhux hati u tilliberah skont il-ligi u minghajr pregudizzju fil-parti tal-piena tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fit-30 ta’ Novembru, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi:

a. **Tikkonfermaha** f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-akkużi numru tnejn (2), erbgħa (4) u sebgħa (7) miġjuba kontrih filwaqt li lliberatu mill-akkużi numru wieħed (1), tlieta (3), ħamsa (5) u sitta (6) miġjuba kontra tiegħu,

b. Tgħaddi sabiex **<u>tirrevokaha u tħassarha</u>** f'dik il-parti fejn il-Qorti ma ordnatx l-konfiska tal-vettura u tipprosegwi sabiex tordna l-konfiska tal-vettura msemmija ai termini tal-artikolu 21(2) tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-aggravji tal-appellant Charlon Coleiro u cioe':-

1. Illi huwa car u manifest li l-elementi rikjesti mill-ligi partikolarment dawk kontenuti f1-artiklu 21 (1) (a), (b), (0) u (d) tal-Kapitolu 368, biex tinstab il-htija ta' l-esponent ghat-tieni (2), ir-raba (4) u s-seba' (7) imputazzjoni ma jirrizultawx.

2. Illi l-prosekuzzjoni kellha tipproduci prova li tissodisfa l-Qoriti tal-Magistrati li l-esponent bl-intenzjoni li jevadi t-taxxa naqas milli jaghti informazzjoni li kien jaf li ma kienx korret.

3. Illi b'hekk huwa car li apparti l-element materjali tar-reat jehtieg li kun hemm prova ta' l-intenzjoni biex tigi evitata l-hlas tat-taxxa kif ukoll ix-xjenza ta' din l-informazzjoni li ma tkunx korretta. Jirrizulta li la wahda u lanqas l-ohra ma giet pprovata ghas-sodisfazzjoni tal-ligi.

4. Illi l-prosekuzzjoni kellha ghalhekk tressaq prova cara li l-esponent kellu x-xjenza ta' din l-informazzjoni jew taghrif li ma kienetx korret haga li palezament naqset milli taghmel. Jigi nnotat illi l-kliem tal-ligi huma : 'kien jaf'. Ta' spiss wiehed jiltaqa' mal-kliem : 'seta' kien jaf', li hija nettament in distinsjoni mal-kliem uzat f'dawn l-artikoli li anke' jekk seta' kien jaf mhix bizzejjed bhala prova imma l-prova rikjesta hija li hu kien fil-fatt jaf b'din l-informazzjoni jew taghrif.

5. Illi fil-fatt jirrizulta li din il-vettura giet impurtata u ordnata minn nies ohra aktar minn ghaxar (10) snin qabel u l-esponent ma kienx responsabbli ghal ebda hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni li kienet natrualment gia' imhallsa snin qabel. L-esponent akkwista din il-vettura bi tpartit ta' xoghol li kien ghamel u b'hekk ic-cirkostanza jikkorraboraw dan l-aggravju fis-sens li din ma kienetx sitwazzjon li l-esponent ried jixtri vettura kummercjali ghax-xoghol u fittex din il-vettura b'dawn il-kwalitajiet imma l-esponent akkwista din il-vettura, probabbilment minghajr ma kienet mehtiega, tant li din hija wahda fost numru ta' vetturi li hu ghandu tieghu, biex

jithallas ghal xoghol li ghamal billi d-debitur tieghu ma kellux likwidita' sufficenti u dan kif jigri spiss f'dawn ic-cirkostanzi.

6. Illi meta akkwista din il-vettura zgur li ma kienetx l-intenzjoni tieghu li jiffranka xi taxxa u zgur il-hlas tat-taxxa tar-registrazzjon kienet l-ahhar haga li kellu f'rasu tant li l-valur moghti lil din il-vettura meta giet trasferita t-taxxa tar-registrazzjoni ma kienetx fattur li gie kkunsidrat.

7. Illi ta' minn jinnota ukoll li n-numru tar-registrazzjoni ta' din il-vettura ma jindikax li din hija 'goods vehicle' 'G', 'V' imma ghandha numru ta' registrazzjoni ta' vettura mhux kummercjali: JBN 253. Kif inhu maghruf, l-awtorita' tindika normalment l-vetturi ta' din ix-xorta b'numru ta' registrazzjoni specjali 'G', 'V' biex b'hekk din isservi ta' indikazzjoni cara u ovja tat-tip ta' vettura li tkun. Dan kollu huwa nieqes f'dan il-kaz. Jirrizulta ukoll li din il-vettura kienet ila ghand l-esponent madwar tlett xhur qabel il-kaz u lanqas kienet ghada marret ghall-VRT.

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali u cioe':-

Illi fil-wieħed u għoxrin (21) ta’ Novembru tas-sena elfejn u Sittax (2016), l-esponent Avukat Ġenerali irċieva l-atti tal-kawża odjerna u ħassu aggravat bihom in kwantu li l-piena mogħtija mill-Qorti inferjuri kienet, minħabba fix-xorta jew kwantita’ tagħha, differenti minn dik preskritta bil-liġi għar-reat li dwaru l-appellant instab ħati. Għaldaqstant l-esponent qiegħed jintavola dan l-umli appell a bażi ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 21(3) tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Illi għall kull buon fini l-esponent jirrileva li dan l-appell huwa limitat dwar il-piena inflitta mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati.

Illi l-esponent iħossu aggravat mis-sentenza appellata in kwantu li filwaqt li jaqbel fir-rigward tas-sejbien ta’ ħtija, u liberazzjoni fl-akkużi kif dedotti, madanakollu <u>l-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-appellant għal piena li ma taqax taħt il-parametri previsti mil-liġi.</u> Infatti fost l-akkużi dedotti kontra tiegħu, l-appellant ġie misjub ħati ta’ l-imputazzjoni numru tnejn (2) u cioe’ li bil-ħsieb li jevadi t-taxxa ta’ reġistrazzjoni dovut jew li tista ssir dovuta, naqas milli

jagħti xi avviż minn dawk li jista' jinħtieġ li jagħti skont l-artikolu 4 jew 10(1) tal-Kapitolu 368 jew ta avviż bħal dak jew fi stqarrija li għamel lill-Awtorita għall-għanijiet ta' dan l-Att, tagħrif li kien jaf li ma kienx korrett jew sħiħ f'xi dettall materjali bi ksur ta' l-artikolu 21(1)(a)(b) tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula hekk:

***21.*** *(1) Kull min-*

*(a) mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorità jew bi ksur ta' xi kundizzjoni li taħtha setgħet ingħatat dik l-awtorizzazzjoni, ikollu fil-pussess tiegħu, juża jew jippermetti li tintuża jew ibiegħ jew xort'oħra jittrasferrixxi jew joħroġ jew jippermetti li tinħareġ minn xi depożt tad-dwana jew ineħħi jew jippermetti li titneħħa minn xi mkien fejn vettura bil-mutur tkun ġiet manifatturata xi vettura bil-mutur li ma tkunx ġiet reġistrata bis-saħħa ta' dan l-Att; jew*

*(b) bil-ħsieb li jevadi t-taxxa ta' reġistrazzjoni dovuta jew li tista' ssir dovuta jonqos milli jagħti xi avviż minn dawk li jista' jinħtieġ li jagħti skont l-artikolu 4 jew lartikolu 10(1) jew l-artikolu 18(1)(g) jew jagħti f'avviż bħal dak jew fi stqarrija li jagħmel lill-Awtorità għall-għanijiet ta' dan l-Att tagħrif li jkun jaf*
*li ma jkunx korrett jew sħiħ f'xi dettall materjali; jew*

*ikun ħati ta' reat u meta jinstab ħati jeħel multa ta' mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), jew daqs darbtejn l-ammont tat-taxxa ta' reġistrazzjoni f'perikolu, skont liema tkun l-aktar, jew għal priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.*

*(2) <u>Meta wieħed jinstab ħati ta' reat imsemmi fis-subartikolu (1)(a) jew (b), il-qorti **għandha**, b'żieda mal-piena stabbilita fis-subartikolu msemmi, tordna l-konfiska tal-vettura bil-mutur li dwarha jkun sar ir-reat[1]</u>.*

---

[1] Sottolinear tal-esponent.

Illi mid-diċitura ta' dawn l-artikoli hawn kwotati l-piena preskritta mil-Liġi għall dan ir-reat hija ta' multa ta' mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), jew daqs darbtejn l-ammont tat-taxxa ta' reġistrazzjoni f'perikolu, skont liema tkun l-aktar, jew għal priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien[2], *di piu'* meta persuna tinstab ħatja taħt l-artikolu 21(1)(a) jew (b) il-qorti **għandha**, b'żieda mal-piena stabbilita, tordna l-konfiska tal-vettura bil-mutur li dwarha jkun sar ir-reat[3]. L-artikolu 21 (2) tal-Kapitolu 368 ma jagħtix diskrezzjoni lill-Qorti jekk tordnax il-konfiska o meno, u għaldaqstant l-konfiska hija mandatorja.

Illi huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa ndesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti.

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom ***Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio***[4], Il-***Pulizija vs. Jeremy James Farrugia***[5] u ***Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina***[6]**.** Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ il-**Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar, 2001, fejn il-Qorti qalet li:

---

[2] Art. 21(1) ta' Kap 368

[3] Art. 21(2) ta' Kap 368

[4] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.

[5] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).

[6] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami,[7] jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati,* ***jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi.****"*[8]

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu kaz sommarju u billi ma saritx it-traskrizzjoni tax-xiehda li offrew id-depozizzjoni taghhom quddiem l-ewwel Qorti, din il-Qorti kellha terga tisma' mill-gdid il-provi prodotti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-appellant kien gie moghti Toyota Land Cruiser bin-numru tar-registrazzjoni JBN 235 permezz ta' tpartit. Illi din il-vetttura kienet dahlet Malta fis-sena elfejn u hamsa (2005) u waslet ghand l-appellant fis-sena elfejn u hmistax (2015).

Illi din il-vettura kienet giet impurtata f'Malta bhal vettura kummercjali u it-taxxi kollha dovuti gew imhallsa fid-data ta' l-importazzjoni.

Illi meta l-pulizija waqqfu din il-vettura fl-24 ta' Marzu, 2016 din il-vettura kienet ghada fl-istat ta' meta giet impurtata f'Malta.

---

[7] Sottolinear tal-esponent.

[8] Sottolinear / enfasi tal-esponent.

Illi l-prosekuzjoni ma resqet ebda prova li l-appellant kien jaf li din il-vettura ma kinitx registrata skont il-ligi. Ix-xjenza tal-appellant hi necessarja biex tigi radikata r-esponsabilita' tieghu ghall-evazjoni tat-taxxa dovuta skont l-artikolu 21(1)(a)(b)(c)(d) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Avukat Generali appella mil-fatt li l-ewwel Qorti ma ordnatx il-konfiska tal-vettura in kwistjoni. Il-fatt li l-appellant ma jistax jinstab hati tal-akkuzi dwar l-evazjoni ta' taxxa jgib il-konsegwenza li l-appell tal-Avukat Generali ma jistax jigi milqugh.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-appellant ma nstabx hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tal-hames (5) u tas-sitt (6) akkuza migjuba kontra tieghu. Tilqa l-appell ta' Charlon Coleiro. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata dwar it-tieni (2), ir-raba' (4) u is-seba' (7) akkuza migjuba kontra tieghu u tehles lill-appellant minn kull htija u piena. Tichad l-appell tal-Avukat Generali.